# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 716/2020 MH**

**Illum, 29 ta' Settembru, 2021**

**Francis Caruana (K.I. 144559M)**

**vs**

**Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tat-13 ta' Awwissu 2020** permezz ta' liema ġie premess:

*"Jesponi bir-rispett u jiddikjara illi jaf il-fatti suesposti di xjenza propia;*

1. *Illi l-esponent tressaq il-Qorti akkuzat inter alia talli, f'Jannar 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda ghamel atti ta' money laundering u illi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi ghal vantagg privat tieghu jew*

*ghal beneficcju ta' xi persuna jew entita ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobli, illi kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu.*

2. *Illi permezz ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), fl-ismijiet il-Pulizija vs Francis Caruana, liema sentenza illum hija res judicata, il-Qorti tal-Appell Kriminali sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontrih u barra l-piena ta' ordni ta' probation u l-hlas ta' multa ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u immobbli ohra tieghu liema sentenza qed tigi annessa u mmarkata bhala dok A;*
3. *Illi l-esponent qieghed prezenzjalment jipprevalixxi ruhu mid-dispost tal-artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-propjeta kollha tieghu kemm mobbli kif ukoll immobblihekk konfiskata mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht il-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Maltajew akkwistata direttament jew indirettamentminn jew permezz ta' xi profittijew dhul bhal dak u sabiex ghaldaqstant l-istess proprjeta konfiskata ma tibqax hekk konfiskata u tintradd lura lir-rikorrent.*
4. *Illi kif se jigi pruvat fil-mori tal-kawza, l-esponent dejjem kellu impjieg bi qliegh.*
5. *Illi l-esponenti jirrileva illi huwa kellu diversi proprjeta kemm mobbli u kif ukoll immobbli illi se jigu elenkati liema proprjeta mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht il-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta jew akkwistata direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dak u ghalhekk l-istess proprjeta m'ghandiex tibqa hekk konfiskata u tintradd lura lir-rikorrenti:*
    a) *Id-dar matrimonjali tal-esponenti u cioe d-dar bl-isem ta' Evergreen, bil-garaxx attigwu, fi Triq Melqart, gewwa*

*Marsaxlokk, illi inxtrat minnu nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u tlieta u disghin (1993) fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri liema dar inxtrat diversi snin qabel ir-reati in kwistjonikif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok B;*

b) *Appartament bin-numru intern wiehed(1) formanti minn blokka ta' hames appartamenti bl-isem ta' Calleja Court, fi Triq il-Bahhara, gewwa Ghajnsielem, Ghawdex, illi inxtara minnu u mill-mara tieghu FrancescaSaveria sive Saverina Caruna nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-atti tan-nutar Tonio Spiteri liema appartament inxtara diversi snin qabel ir-reati in kwistjoni kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok C;*

c) *Garaxx bla numru ufficjali imma gieli indikat bin-numru tlieta (3), fi Triq iz-Zejtun gewwa Marsaxlokk, illi nxtara minnu u mill-mara tieghu Francesca Saveria sive Saverina Caruana, nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri liema garaxx inxtara diversi snin qabel ir-reati in kwistjoni kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok D;*

d) *Polza tal-assikurazzjoni mas-socjeta Middlesea Valletta Life assurance , li kienet inbdiet fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok F;*

e) *Vettura tal-ghamla Toyota Yaris nhar it-Tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok F*

f) *Kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc f'isem l-esponenti illi jgibu n-numri tal-kontijiet 40020628901, 40021422931, 12102231053, MT73VALL22013000000012102231053 u ismha mal-Malta Stock exchange plc illi ghandhom security name ta' HSBC Bank Malta Ordinary Shares MT00000300107 illi qeghdin f'isem l-esponenti u dan kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok G;*

6. *Illi in oltre l-esponent jinsab f'posizzjoni illi jipprova illi dawn il-propjetajiet kemm mobbli u kemm immobli ma jikkontjenux flus provenjenti minn xi reat that l-imsemmi Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet kostituzzjonali illi jista talvolta jkollu, l-esponenti jirrileva illi din l-ordni ta' konfiska mal-kundanna b'mod generali tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu senjatament id-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-propjeta tieghu naxxenti mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Qorti Ewropea ghad-Drittiujiet tal-Bniedem u dan ghaliex ghalkemm il-Ligi tipprovdi illi ghandu jkun hemm ordni ta' konfiska favor il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favor il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u immobbli ohra wiehed ghandu jara c-cirkostanzi ta' kull kaz. Illi jigi rilevat illi spjegat f'dan ir-rikors hafna mill-propjeta illi giet konfiskata kienet tappartjeni lill-esponenti ferm qabel il-kummissjoni tar-reat u ghalhekk zgur illi ma ghandhiex tifforma parti mill-ezercizzju ta' konfiska. Illi inoltre f'dan il-kaz partikolari l-ammont ta' flejjes riciklati kien dak ta' madwar 32,000 elf ewro u dan kif gie kkonstatat kemm mill-Qorti kif ukoll mill-espert tekniku mqabbad mill-istess Qorti liema ammont illum il-gurnata thallas pjenament mill-esponent lill-parte leza. Illi dan ifisser ghalhekk illi l-ordni ta' iffrizar originarjament u sussegwentament l-ordni ta' konfiska kellha tkun limitata ghal dan l-ammont biss u ma*

*kelliex tkun wahda generali li tolqot il-propjeta u l-flejjes kollha kemm mobbli u kemm immobbli tal-esponenti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghobha ai termini tal-7 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-propjeta kollha tieghu, kemm mobbli kif ukoll immobbli, maghmula bis-sahha ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fl-ismijiet Pulizija vs Francis Caruana."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali**[1] **tal-1 ta' Settembru 2020**[2] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Jesponi bir-rispett*

*1. Illi in linea preliminari, l-esponent Avukat Generali jecepixxi illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet odjerni u dan ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi fir-rigward tal-mertu, jehtieg li l-attur jgib prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza tal-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultati ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li taghhom l-attur instab hatja jew propjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profiti jew dhul mill-ghemil ta' reat';*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll li l-attur kellu jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha sabiex jipprova l-kaz tieghu ai termini tal-artikolu 7(3) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;*

[1] Skont digriet tal-Qorti li bih laqgħet ir-rikors tal-Kummissarju al-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2020 (fol 146) sabiex ir-risposta ġuramentata tkun tinkludi wkoll lill-Avukat Ġenerali

[2] Fol 89

*4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita ta` din il-proprjeta` u l-akkwist lecitu taghha tispetta lill-attur;*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz u peress li f`dan l-istadju l-attur ma gabx provi ezawrjenti dwar il-lecita` tal-proprjeta` in kwistjoni, l-esponenti jirrilevaw li r-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talbiet tal-attur;*

*6. Illi in vista tas-suespost it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;*

*7. Illi b'referenza ghal premessa numru 7 imnizzla fir-rikors guramentata in risposta, l-esponenti jecepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti fil-funzjoni Civili taghha m'ghandiex tisma lanzjanzi ta' natura Kostituzzjonali u dan kif gja giet enuncjat diversi drabi mill-Qrati nostrana. Fi kwalunkwe kas, l-esponenti jecepixxu illi gialadarba l-attur ghandu rimedju quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex jitlob illi l-ordni tal-konfiska jigi revokat, ma jista' jezisti ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attur kif qed jigi allegat;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponenti ikollhom l-opportunita` li jikkontrolla l-provi tal-attur u x-xhieda li elenkaw fir-rikors u wara li jinghataw lilhom l-opportunita` li jivverifikaw d-dokumenti li l-attur kien obbligat jehmez mal-istess rikors kif inghad qabel.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa minnhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tirrevoka l-ordni ta' konfiska tal-proprjeta' kollha tiegħu li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Francis Caruana* deċiżi fl-14 ta' Mejju 2020[3] li varjat parzjalment is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fl-10 ta' Ġunju 2019.

Il-każ jaf il-bidu tiegħu għal rapport li sar lill-Pulizija fit-8 ta' Frar 2014 mingħand id-Direttur tas-Sajd ta' dak iż-żmien fil-konfront tar-rikorrent odjern, dak iż-żmien ukoll impjegat ta' dak id-Dipartiment. L-allegazzjoni kienet tirrigwarda korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku, frodi u misaproprjazzjoni ta' fondi għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sajd[4]. L-investigazzjonijiet tal-Pulizija wasslu biex Caruana tressaq il-Qorti fejn ġie akkużat talli –

*"F'Jannar 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:*

*1. Għamel atti ta' money laundering billi:*

*a) Ikkonverta jew trasferixxa propjeta` meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal- propjeta` jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali;*

[3] Fol 6 et seq
[4] Affidavit tal-Ispettur Anna Marie Xuereb a fol 238 et seq

*b) ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta`, meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;*

*c) akkwista propjeta` meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjeta` kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;*

*d) bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjeta` meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjeta` kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;*

*e) ittenta jagħmel l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;*

*f) aġixxa bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;*

*ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373, u l-artikolu 18 tal-Kap.9, Liġijiet ta' Malta.*

*2. Bħala uffiċjal jew impjegat publiku illi għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benfiċċju ta' xi persuna jew entita` oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu;*

*3. Talli dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma ġiet fdata jew kunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu;*

*4. Talli b'mezz kontra liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex igiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti maġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);*

*5. Talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utili ieħor, jew xi vantaġġ ieħor li għalihom hu ma kellux jedd, liema skop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta kien sabiex hu bħala uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;*

*6. Talli bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern sew jekk kellu, kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;*

*7. U aktar talli ikkometta talli reati, filwaqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi."*

Il-Qorti f'dawk l-istess proċeduri kienet giet mitluba wkoll fost oħrajn sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-disposizzjonijet tal-Artikoli 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fil-kors tal-proċeduri, u ċioe waqt is-seduta tal-1 t'April 2019, ir-rikorrent odjern kien irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi mressqa**. **Dakinhar ukoll kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-ammont tar-rikavat provenjenti mir-reati mwettqa mir-rikorrent kien jammonta għal €32,000.**

Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Ġunju 2019 l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat l-artikoli relattivi tal-Kap 9 u tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta –

- Sabet lil Francis Caruana ħati tal-imputazzjonijiet kollha ħlief ir-raba' akkuża li minnha astjeniet, u ikkundannatu erba' snin priġunerija u multa ta' €63,000;
- Ai termini tal-Artikolu 23 B (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-ammont ta' €31,592.55 rappreżentanti r-rikavat, jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew fin-nuqqas li tiġi konfiskata tali somma, għandha tiġi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta €31,592.55;
- Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 B (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat għandu

jħallas multa ta’ €31,592.55 li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir- reat. Dik il-multa tkun tista’ tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

- Inoltre` ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-proprjeta` mobbli u mmobbli ta’ Caruana  kif stipulat fl-Artikolu 3 (5) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta’ Malta;
- Bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta’ €10,730.63 rappreżentanti spejjeż peritali. Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikoli 119 u 127 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ordnat ukoll fil-konfront ta’ l-imputat l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Wara appell li ġie ntavolat minn Francis Caruana, l-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti billi laqgħet limitatament l-appell tiegħu u filwaqt li kkonfermatha safejn dik il-Qorti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni u sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra, irrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn –

- Francis Caruana kien ġie kundannat għal erba' snin prigunerija;
- Ordnat li l-ammont ta' wieħed u tletin elf, ħames mija u tnejn u disgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€31, 592.55) rappreżentanti r-rikavat jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta;
- Ordnat li fin-nuqqas li tiġi konfiskata tali somma, tiġi konfiskata dik il-proprjeta' li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għal valur ta' wieħed u tletin elf, ħames mija u tnejn u disgħin ewro u ħamsa u hamsin centezmu (€31, 592.55);

- Ordnat lill-appellant iħallas multa ta' wieħed u tletin elf, ħames mija u tnejn u disgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€31.592.55) li f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjeta' li jkollha l-valur tagħha jikkorispondi għal valur ta' dak ir-rikavat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat ukoll:

- il-multa ta’ tlieta u sittin elf ewro (€63,000) mposta mill-Ewwel Qorti;
- l-ordni tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli u mmobbli talappellant kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan bla preġudizzju għad-drit tal-appellant li jipproċedi ai termini tal-artkolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;
- il-ħlas li l-appellant ġie ordnat jagħmel tas-somma ta' għaxar t'elef, seba' mija u tletin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€10,730.63) rappreżentanti spejjeż peritali;
- l-ordni magħmulha fil-konfront tal-appellant tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tar-reati l-oħra li tagħhom l-appellant instab ħati, l-Qorti tal-Appell Kriminali poġġietu taħt ordni ta' probation għal tlett (3) snin mill-14 ta’ Mejju 2020.

Jirriżulta wkoll mill-atti li, fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali r-rikorrent kien ħallas lura s-somma ta’ €31,592.55 b’*bank draft* lid-Dipartiment tas-Sajd u Agrikoltura permezz ta’ skrittura privata ffirmata fl-14 ta’

Frar 2020. Fl-istess skrittura ġie dikjarat ukoll li tali ħlas kien qiegħed isir għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha eżistenti bejn id-Dipartiment u Francis Caruana[5].

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent qiegħed iressaq il-proċeduri odjerni ai termini tal-artikolu 7 tal-Att kontra *Money Laundering* (Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta), u li fl-ewwel żewġ sub-artikoli tiegħu (kif viġenti fl-epoka li nbdiet il-kawża) jipprovdi hekk -

*"(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 3(5), il-persuna misjuba ħatja u kull persuna oħra li jkollha interess tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul minn ksur tal-artikolu 3 jew b'xi mod ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' money laundering, u lanqas proprjetà, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*

*(2) Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konklużiva."*

Il-Qorti tirrileva li –

- Ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni fit-13 t'Awwissu 2020 u kwindi entro t-terminu ta' tlett xhur mill-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Mejju 2020; u

[5] Fol 34. Inoltre, mill-provi mressqa rriżulta wkoll li sabiex jagħmel dan il-pagament ir-rikorrent kien issellef xi flus mingħand familjari ohra (ara xhieda ta' Joseph Carabott a fol 101 et seq u ta' Tiana Attard a fol 105 et seq

- Waqt is-seduta tad-9 ta' Settembru 2020 il-partijiet qablu li din il-Qorti m'għandhiex tkun marbuta bit-termini ta' żmien indikati fl-artikolu 7 tal-Att imsemmi[6].

Inoltre, u qabel kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra din il-Qorti tissottolinea li l-parametri tal-kawża odjerna huma ta' indoli purament ċivili ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 373 kif ingħad. Għaldaqstant, kwalunkwe referenza fir-rikors promotur għal allegat ksur tad-drittijiet fundamentali għat-tgawdija tal-proprjeta' tar-rikorrent fir-rigward tal-ordni tal-konfiska maħruġa fil-konfront tiegħu mhijiex ser tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti għax taqa' lil hinn mill-poteri tagħha. Madankollu, u bi qbil ma' dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Joseph Zammit vs Kummissarju tal-Pulizija deċiż fit-3 ta' Lulju 2020 -**

*"29. .....l-Qorti ma għandha ebda diffikultà tgħid illi fil-każ odjern, ma tista' teżisti assolutament ebda vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjetà tar-rikorrent, kif minnu allegat, peress illi kien huwa illi volontarjament u xjentement ikkommetta reat kriminali, reat illi kien punibbli bil-ħabs, fejn huwa del resto ma spiċċax għax ingħata sentenza sospiża, u għalhekk kien ben a korrent tar-riskji li r-reat minnu kommess kien iġib miegħu, fosthom illi l-oġġett illi bih huwa kkommetta r-reat ġie konfiskat."*

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-intimati safejn kompatibbli ma' dak appena deċiż.

Ferm il-premess il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa t-talbiet tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet tal-intimati.

---

[6] Fol 93

**A. Eċċezzjoni Preliminari**

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati jargumentaw li l-Avukat Ġenerali mhuwhiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet odjerni ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 373 u l-artikolu 181B tal-Kap 12.

L-artikolu 181B tal-Kap 12 jipprovdi hekk –

*"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Fl-ewwel lok għal dak li jirrigwarda l-prinċipji ġurisprudenzjali li jirregolaw min għandu jitqies leġittimu kontradittur f'kawża, ingħad hekk minn din il-Qorti stess

fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciza fit-28 ta' Settembru 2016**[7] **-**

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deċiż fit-23 t'Ottubru 2009***[8] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuż jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[9]*."*

[7] Rik Gur Nru 700/14
[8] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[9] (Nru 777/06) Deċiż 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

Il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni tal-intimati hija ġustifikata.

Għalkemm skont l-artikolu 3(5) tal-Kap 373 il-konfiska sseħħ a favur il-Gvern, fl-artikolu 7 (5) tal-Kap 373 il-leġislatur kien ċar li l-proċeduri bħal dawk odjerni għandhom jinbdew kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u ħadd iktar[10].

**Għalhekk ma kien hemm ebda lok li l-kawża tiġi ntavolata wkoll kontra l-Avukat Ġenerali u konsegwentement l-eċċezzjoni sejra tintlaqa' u dan l-intimat ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**B. <u>Mertu</u>**

Ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska fir-rigward ta' diversi proprjetajiet, mobbli u immobbli stante li skontu huwa m'akkwistahomx direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul mir-reati li tagħhom instab ħati.

Minn naħa tiegħu l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jisħaq fl-eċċezzjonijiet tiegħu li huwa r-rikorrent li jrid iġib prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-oġġetti li tagħhom qiegħed jintalab ir-rilaxx mhijiex naxxenti mill-għemil tar-reati in kwistjoni.

Ingħad hekk minn din il-Qorti diversament preseduta dwar proċeduri simili ai termini tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta)

[10] Għal kull buon fini jingħad li fid-19 ta' Frar 2021 u ċioe' wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna ġie promulgat l-Att Nru 5 tal-2021 dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' u li permezz tiegħu proċeduri simili għandhom jinbdew kontra l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi. Dana l-Att daħal fus-seħħ fit-12 ta' Marzu, 2021.

fil-kawża fl-ismijiet **Darren Aquilina vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża fis-26 ta' Frar 2019** -

*"Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija*** *datata 30 ta' Ġunju 2011:*

*"Qari tal-artikolu 22(3A)(d) juri illi l-konfiska tal-flejjes, jew proprjeta' mobbli jew immobbli mhix għażla mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena iżda hi ordni tassattiva imposta mill-liġi biex il-Qorti tordna l-konfiska.*

*Infatti l-kelma użata f"dan l-artikolu 22(3A), hi "għandha b'żieda ma kull piena oħra, fis-sentenza tagħha" ... "tordna l-konfiska" ...*

*Għalhekk kemm jekk il-Qorti tal-Maġistrati fil-Ġurisdizzjoni Kriminali tagħha sabet ħtija wara eżami tal-provi jew fuq ammissjoni tal-akkużat ma kien jagħmel ebda differenza għall-ordni ta" konfiska. U għalhekk il-leġislatur ipprovda li wara t-terminazzjoni tal-proċeduri fejn oltre l-piena tkun saret il-konfiska, il-persuna misjuba ħatja jew terza persuna interessata, tista" tavvali ruħha mill-proċedura speċjali msemmija fl-artikolu 22C biex tieħu lura l-oġġetti konfiskati jekk jiġu ppruvati l-estremi provduti fl-istess liġi.*

*(...)*

*F"dik il-proċedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tiegħu fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinħelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbut ma" profitt jew dħul minn għemil ta" reat u għalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jagħmel il-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjetà jew l-akkwist leċitu tagħha. Ladarba il-leġislatur ħaseb sabiex il-proċediment jinstema" minn Qorti ta" kompetenza ċivili u ladarba l-liġi stess tgħid li għal dan il-proċediment japplika l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta" Malta il-grad ta" prova rikjesta huwa dak tal-bilanċ ta' probabilitajiet viġenti fi proċedura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali ("***Abela vs Kummissarju tal-Pulizija***" – PA/JRM – 6 ta" Ottubru 2005).*

*Il-proċedura kontemplata bl-Art. 22C hija speċjali u tagħmel eċċezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja minn Qorti kompetenti ta" reat kontra l-Kap.101. Għalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet ġenerali ta' dik il-liġi fejn si tratta tal-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser il-Kap.*

*101, u sakemm jiġu mħarsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgħa minn dak li ried il-leġislatur.*

*Jekk wara smigħ sommarju, il-Qorti tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent għandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-ġid li jkun milqut b'dik id-deċiżjoni ma jibqax iżjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-saħħa tad-deċiżjoni nnfisha meta din issir ġudikat (Art. 22D) u dik id-deċiżjoni favorevoli titqies bħala trasferiment tat-titolu ta'dak il-ġid lura mill-Gvern għal għand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li bis-saħħa tiegħu jsir is-sekwestru jidher li joħloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-ġid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan jgħodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet ħatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, għalhekk il-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejun jew risorsi oħra ta' għejxien."*

*Għalhekk, sabiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu, r-rikorrenti kien jeħtieġlu jressaq provi biex juru li l-ġid li għandu ma kienx ġej minn qliegħ provenjenti mill-egħmil ta' reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li għalih nstab ħati r-rikorrenti."*

L-istess prinċipji japplikaw għal azzjonijiet bħal dik odjerna ntavolati ai termini tal-Kap 373.

Il-proprjeta' li fir-rigward tagħha r-rikorrent qiegħed jitlob ir-revoka tal-ordni ta' konfiska hija s-segwenti:

(a) Id-dar matrimonjali tal-esponenti u ċioe' d-dar bl-isem ta' "Evergreen" bil-garaxx attigwu, fi Triq Melqart ġewwa Marsaxlokk;

(b) Appartament bin-numru ntern (1) formanti minn blokka ta' appartamenti bl-isem ta' Calleja Court, Triq il-Baħħara ġewwa Għajnsielem, Għawdex;

(ċ) Garaxx bla numru uffiċjali, ġieli ndikat bin-numru 3 fi Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk;

(d) Polza tal-assikurazzjoni mas-soċjeta' Middlesea Valletta Life Assurance;

(e) Vettura tal-għamla Toyota Yaris;

(f) Kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta f'ismu u ishma mal-Malta Stock Exchange plc f'ismu wkoll.

**Is-subartikolu 3 tal-Kap 373** jipprovdi hekk -

*"(3) Ir-rikorrent għandu b'sustenn għat-talba tiegħu, jehmeż mar-rikors id-dokumenti kollha li hu jkun jista' jipproduċi u għandu jagħti fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jġib, fejn igħid dwar kull wieħed il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel."*

Ir-rikorrent ressaq provi li jinkludu x-xhieda tiegħu u ta' familjari oħra partikolarment dwar impjiegi li hu u anke martu kellhom matul is-snin. Ġiet anke esibita l-*employment history* tiegħu u ta' martu[11]. Il-Qorti pero' tosserva li għalkemm inġiebet prova partikolarment tad-depożitu tas-salarji tar-rikorrent mit-Teżor fil-kont bankarju tiegħu esibit in atti, huma skarsi provi oħra bħal *pay slips, income tax returns* eċċ li setgħu jagħtu stampa aktar ċara dwar l-introjtu tiegħu u ta' martu minn xogħlijiet oħra li huma qalu li kellhom. Skarsi wkoll

[11] Fol 125 et seq

huma provi konkreti dwar introjti oħra li allegatament kellhom matul is-snin u li rreferew għalihom ir-rikorrent u martu fix-xhieda tagħhom.

Inoltre l-Qorti tosserva wkoll li għalkemm l-akkuża fil-konfront tar-rikorrent tirreferi għall-perjodu ta' *"Jannar 2014 u x-xhur u s-snin ta' qabel"* mill-provi mressqa fil-kawża odjerna ma nġibitx prova mir-rikorrent li tindika mill-atti tal-proċeduri kriminali liema snin li jippreċedu Jannar 2014 huma koperti bl-akkuża. Pero' mill-assjem tal-provi mressqa rigwardanti l-proċeduri kriminali ntavolati kontra r-rikorrent odjern, il-Qorti tifhem li l-akkużi jirreferu għas-snin li huma qrib ferm is-sena 2014.

Għaldaqstant il-Qorti sejra tevalwa l-pretensjonijiet tar-rikorrent fil-kawża odjerna anke fil-kuntest ta' dawn l-osservazzjonijiet appena magħmula:

**(a) <u>Dar matrimonjali ("Evergreen", Triq Melqart, Marsaxlokk)</u>**

Din id-dar inxtrat mir-rikorrent permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Frar 1993[12] għas-somma ta' €46,587 (Lm20,000). Jirriżulta wkoll li ġurnata qabel u ċioe' fit-23 ta' Frar1993 huwa biegħ lil terzi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Tonio Spiteri l-fond bin-numru 39, St Catherine Street Marsaxlokk għas-somma ta' €22,129 (Lm9,500)[13].

Il-Qorti tinnota wkoll li apparti l-flus li kien għadu kemm daħħal mill-bejgħ tal-fond l-ieħor, f'dik l-epoka, kif intwera mill-employment history, ir-rikorrent kien ilu diversi snin b'impjiegi fuq bażi regolari full-time.

[12] Fol 155 et seq
[13] Fol 163 et seq

Inoltre, ix-xiri ta' din il-proprjeta' seħħ ħafna snin qabel il-perjodu li fih ir-rikorrent ikkommetta r-reati li tagħhom huwa nstab ħati.

**Għaldaqstant it-talba tar-rikorrent fir-rigward tad-dar bl-isem ta' "Evergreen" bil-garaxx attigwu fi Triq Melqart, Marsaxlokk sejra tiġi milqugħa.**

**(b) <u>Appartament bin-numru ntern (1) formanti minn blokka ta' appartamenti bl-isem ta' Calleja Court, Triq il-Baħħara ġewwa Għajnsielem, Għawdex</u>**

Dan l-appartament inxtara mir-rikorrent u martu permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Jannar 2009 għas-somma ta' €61,728 li minnha s-somma ta' €15,141 kienet diġa tħallset akkont ta' prezz u l-bilanċ tħallas mal-iffirmar tal-kuntratt[14].

Mill-kontijiet bankarji tar-rikorrent jirriżulta li f'dak il-perjodu u anke preċedentement huwa kien qiegħed jirċievi depożitu tas-salarju kull xahar. Fis-sentejn qabel ix-xiri ta' din il-proprjeta' is-salarju depożitat mit-Teżor kien ivarja fl-akwati tal-€1,000 fix-xahar.

Ir-rikorrenti u martu xehdu[15] li huma kienu biegħu xi ishma li kellhom l-HSBC u bonds li kellhom mal-Corinthia, San Antonio Hotel u Baystreet Finance plc u użaw il-qliegħ għax-xiri tal-appartament imsemmi. Ir-rappreżentanta tal-Borża ta' Malta xehdet dwar l-ishma li r-rikorrent kellu mal-Bank HSBC u qalet li huwa kien xtrahom fl-1993 u biegħhom kollha fl-1999 biex sussegwentement fl-2006

[14] Fol 157 et seq
[15] A fol 95 et seq u a fol 128 et seq

huwa xtara xi ishma oħra fil-Bank imsemmi[16]. Madankollu l-Qorti tosserva li la r-rikorrent u lanqas martu ma ġabu prova dettaljata dwar l-introjtu tagħhom mill-bejgħ ta' dawn l-ishma jew tal-bonds l-oħra li rreferew għalihom u kwindi m'għandhiex a dispożizzjoni tagħha nformazzjoni dwar l-impatt finanzjarju li dan l-introjtu seta' kellu fuq ix-xiri tal-appartament in kwistjoni kif allegat mir-rikorrent.

Madankollu l-epoka li fiha nxtrat din il-proprjeta' huwa wkoll ferm qabel il-perjodu li matulu r-rikorrent wettaq ir-reati in kwistjoni.

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent fir-rigward ta' dan l-appartament għandha tintlaqa'.**

**(ċ) <u>Garaxx bla numru uffiċjali, ġieli ndikat bin-numru 3 fi Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk</u>**

Dan il-garaxx ġie mixtri mir-rikorrent u martu b'kuntratt datat 31 ta' Mejju 2005 għall-prezz ta' €23,293.73 (Lm10,000).

Apparti l-fatt li anke dan ix-xiri ta' proprjeta' seħħ diversi snin qabel l-epoka tar-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent, intwera wkoll mill-kontijiet bankarji tar-rikorrent li l-introjtu tiegħu mis-salarju kif depożitat mit-Teżor kien wieħed stabbli.

[16] Fol 114 et seq.

Inoltre r-rikorrent xehed li sena qabel hu u ħutu kienu biegħu id-dar tal-ġenituri tagħhom li kienu mietu xi snin qabel, liema dar kienet tinsab f'Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk. Bil-qliegħ li mess lilu huwa kien f'qagħda li jixtri l-garaxx imsemmi fi Triq iż-Żejtun. Il-Qorti tinnota li in atti ġie esibit il-kuntratt datat 30 ta' Ġunju 2004 permezz ta' liema r-rikorrent u ħutu biegħu lil terzi l-fond numru 55 ġewwa Xatt is-Sajjied Marsaxlokk għas-somma globali ta' €93,174.93 (Lm40,000). Tenu kont il-fatt li dan il-bejgħ ta' proprjeta' seħħ fi żmien daqshekk qrib għax-xiri tal-garaxx in kwistjoni, hija meqjusa kredibbli t-teżi tar-rikorrent li d-dħul tiegħu mill-bejgħ imsemmi ntuża għax-xiri ta' dan il-garaxx.

**Magħmula dawn l-osservazzjonijet il-Qorti hija sodisfatta li t-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-ordni ta' konfiska fir-rigward tal-garaxx in kwistjoni hija ġustifikata.**

**(d) Polza tal-assikurazzjoni mas-soċjeta' Middlesea Valletta Life Assurance li nbdiet fl-1 ta' Novembru 2004**

Mid-dokumenti mressqa din il-polza saret għal perjodu ta' 10 snin saret f'isem ir-rikorrent (Polza numru AP 013725)[17]. Il-premium kien ta' €6,970. Xehdet ukoll dwar din il-polza Daphne Mallia, rappreżentanta tal-Middle Sea Valletta Life[18].

Peress li din il-polza nbdiet ħafna snin qabel ir-reati in kwistjoni **il-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-ordni ta' konfiska fuqha.**

**(e) Vettura tal-għamla Toyota Yaris**

[17] Fol 72 et seq u fol 133
[18] Fol 109

Mir-riċevuta esibita in atti din il-vettura nxtrat fit-23 ta' Novembru 2013 għas-somma ta' €15,487.08[19].

Mhemmx dubju li dan ix-xiri seħħ fix-xhur qabel Jannar 2014 u kwindi sar fil-perjodu li fih kienu qegħdin iseħħu r-reati li r-rikorrent innifsu ammetta li wettaq u li tagħhom instab ħati.

Dan ifisser li kien jispetta lir-rikorrent iġib prova li tikkonvinċi lill-Qorti fuq bażi ta' probabilta' li x-xiri tal-vettura in kwistjoni b'ebda mod ma hu marbut jew konness ma' flus li huwa kien irċieva b'mod illeċitu fil-kors tar-reati kommessi minnu. Kwindi ma huwhiex biżżejjed li r-rikorrenti jġib prova li parti mill-fondi użati għall-ħlas tal-vettura ġejjin minn qliegħ leċitu, **iżda li s-somma kollha kemm hi hija provenjenti minn fonti leċiti.**

Ingħad hekk fil-każ **Emanuel Bajada et vs Avukat Ġenerali għall-Gvern ta' Malta deċiż fit-28 ta' Marzu 2014 -**

*"Dwar il-fond fil-Qawra, il-konvenuti appellanti jissottomettu li dan ġie akkwistat permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Mejju, 2004, u dan bi prezz ta' Lm55,000, u wara li l-atturi hadu self minn Bank ta' Lm50,000. Jirriżulta bħala fatt li l-att tal-akkuża fil-konfront tal-attur kienet tkopri ż-żmien ta' bejn l-14 ta' Mejju, 2004, sat 13 ta' Mejju 2005, u dan il-kuntratt sar fil-perjodu kopert bl-att tal-akkuża, u ċioe`, fil-perjodu li fih l-attur ammetta li aġixxa bi ksur tal-Att 373 in kwistjoni. Din il-Qorti tara li fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, ma jistax jiġi eskluż li l-akkwist ta' dik il-proprjeta` mhiex b'xi mod marbuta mar-reat. F'każijiet ta' din ix-xorta, l-oneru tal-prova huwa mixħut fuq l-attur iżda dan,*

[19] Fol 83

*f'din il-proċedura, ma ressaq ebda prova ċara dwar id-dħul tiegħu f'dan il-perjodu jew li kien impjegat b'xi salarju; ma weriex li l-ħlasijiet lura tas-self li kien qed jagħmel kienu qed isiru minn dħul jew profitt leċitu. Darba jirriżulta li l-attur xtara fond fiż-żmien li kien involut f'attivita` illegali u li tikkonċerna money laundering, il-presunzjoni għandha tkun li rikavat minn din l-attivita` intuża għall-akkwist tal-fond, u dan sakemm l-istess persuna ma tippruvax, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, il-provenjenza leċita tal-flus utilizzati għal dak l-akkwist.*

*F'dan il-każ, fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-prova ma saretx. Il-prova trid tkun waħda ċara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probbabbilita`. L-attur ma tax spjegazzjoni konkludenti ta' minn fejn ġab il-flus biex ħallas il-Lm5000 fuq il-kuntratt u biex ħallas il-pagamenti lill-bank għas-self li ngħata. Hu veru li fl-att tal-akkuża jingħad li r-rikavat mill-aġir illeċitu tal-attur kien ta' €4,192.87, u li <u>nofshom</u> ġie utilizzat sabiex tħallas kera ta' guest house mhux proprjeta tal-attur, pero` tibqa' nofs is-somma "unaccounted for", u jekk flus akkwistati illeċitament jintużaw għall-akkwist ta' proprjeta` - anke b'żieda ta' flus bi provenjenza leċita – dik il-proprjeta` tibqa' soġġetta għall-konfiska. Biex proprjeta` tinħeles minn ordni ta' konfiska, irid jirriżulta illi l-akkwist tal-istess proprjeta` ma hu <u>b'ebda mod</u> marbut jew relatat ma' flus illeċiti. Kif tgħid il-liġi, jekk il-proprjeta` hija "b'xi mod" involuta fil-kummissjoni tar-reat jew akkwistata mid-dħul tal-attivita` illegali, il-konfiska trid tibqa' fis-seħħ, u l-atturi f'din il-kawża ma rnexxielhomx juru li l-flus kollha indirizzati għall-akkwist tal-fond ma ġewx mill-attivita` illegali li tagħha instab ħati l-attur (tmexxija ta' żewġ guest houses li kienu jintużaw għall-prostituzzjoni). Fuq kollox, mhux qed nitkellmu biss fuq il-quantum tar-reat, għax l-attur irid jipprova l-provenjenza leċita tal-fond minnu mixtri, ħaġa li ma ghamilx. Dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti qiegħed jiġi għalhekk, milqugħ."*

Fil-proċeduri odjerni r-rikorrent xehed biss li fl-2013 huwa kien utilizza l-iskema tal-i*scrapping* u xtara din il-vettura.

Prova li turi li r-rikorrent ibbenefika minn din l-iskema u f'liema ammont ma nġibitx. Fi kwalunkwe każ, *dato ma non concesso* li dan kien minnu, minn verifiki li għamlet din il-Qorti dwar din l-iskema tal-2013 irriżulta li l-Gvern kien qiegħed iħallas is-somma *flat rate* ta' €500 għall-iskrappjar ta' vetturi qodma li jiġu rimpjazzati b'vetturi ġodda.

Kwindi, fi kwalunkwe każ il-maġġor parti assoluta tal-ammont imħallas għall-vettura msemmija kienu ġejjin mill-fondi tar-rikorrent.

Fid-dawl anke tal-prinċipji riżultanti mill-ġurisprudenza ċitata, l-Qorti tirrileva li għalkemm fl-epoka tax-xiri tal-vettura u anke qabel, is-salarju tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu mal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli kien jiġi depożitat direttament fil-kont bankarju tiegħu mit-Teżor, minn eżami ta' dan l-istess kont, ma jirriżultax xi *withdrawal* fil-perjodu viċin l-akkwist ta' din il-vettura li jista' jikkonvinċi lill-Qorti li l-ħlas għaliha seta' kien ġej minn qliegħ tal-impjieg tiegħu.

Ir-rikorrent lanqas ma ġab xi prova oħra li tindika provenjenza leċita tal-fondi użati għax-xiri tal-vettura minn xi sors ieħor.

Inoltre, anke jekk mart ir-rikorrent kellha mpjieg fuq bażi *part-time* għal numru ta' snin inkluż fl-epoka tax-xiri tal-vettura, ma nġiebet ebda prova dwar jekk intużawx xi fondi (u se mai kemm) mill-impjieg tagħha.

Għalhekk kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jagħti spjegazzjoni ċara tal-provenjenza tal-fondi li bihom ħallas għall-vettura. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li kif irriżulta mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, ir-rikorrent kien ammetta li għar-reati mwettqa minnu huwa kien jitħallas kemm b'ċekkijiet li suppost kienu jkunu pagabbli lid-Dipartiment tas-Sajd iżda li minflok kienu qegħdin isiru pagabbli 'self' sabiex Caruana ikun jista' jsarrafhom aktar faċilment u kien hemm istanza wkoll fejn kien qiegħed jitħallas bi flus kontanti[20]. Meta l-Qorti tqis li mir-riċevuta tax-xiri tal-vettura jirriżulta li l-ħlas għaliha sar ***f'lump sum*** u ma hemm indikat ebda arranġament ta' ħlas bin-nifs allura jkompli jikber id-dubju fil-konfront tal-aġir tar-rikorrent.

Magħmulin dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti ma hix konvinta, fuq bażi ta' probabilta' li ħlas **kollu** tal-vettura in kwistjoni kien ġej minn fondi leċiti u kwindi sejra tiċħad it-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-ordni ta' konfiska dwarha.

**(f) Kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta f'ismu li jġibu n-numri tal-kontijiet 40020628901, 40021422931, 12102231053, MT73VALL22013000000012102231053 u ishma mal-Malta Stock Exchange plc f'ismu wkoll li għandhom security name ta' HSBC Bank Malta Ordinary Shares MT0000030107**

**Għal dak li jirrigwarda l-kontijiet bankarji in kwistjoni**[21] lill-Qorti jirriżultalha li mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-Bank of Valletta u b'referenza għall-kontijiet bankarji ndikati mill-istess rikorrent, huma l-ewwel

[20] Affidavit tal-Ispettur Anna Marie Xuereb a fol 238
[21] Fol 167 et seq

tlieta li huma kontijiet bankarji għax ir-raba' wieħed huwa biss IBAN ta' wieħed mill-kontijiet imsemmija u ċioe l-kont Nru 12102231053[22].

Inoltre u għal kull buon fini jingħad li l-kont Savings Nru 12102231053 infetaħ fl-1991 u kwindi ferm qabel ma seħħew ir-reati li wettaq ir-rikorrent iżda l-Bank kellu data disponibbli biss mill-1999 'il quddiem[23].

Il-kont Nru 12102231053

Il-Qorti rat it-transazzjonijiet ta' depożiti magħmula f'dan il-kont[24] fl-epoka tar-reat u anke għas-snin preċedenti u tinnota li sa mill-inqas is-sena 2010 il-maġġor parti assoluta tad-depożiti kienu ġejjin mit-Teżor b'rabta mal-ħlas tas-salarju mensili tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu mal-Gvern u xi depożiti marbuta ma' ħlas ta' imgħaxijiet fuq il-flus depożitati fil-kont. Imbagħad saru wkoll is-segwenti depożiti direttament mir-rikorrent –

- fit-3 ta' Jannar 2012[25] fis-somma ta' €1,000;
- f'Lulju 2012 fis-somma ta' €3,000;
- fit-18 t'Awwissu 2012 fis-somma ta' €500
- fid-9 ta' Marzu 2013 fis-somma ta' €1000 u somma oħra ta' €174
- fl-1 ta' Novembru 2013 fis-somma ta' €1,400
- fl-4 ta' Jannar 2014 fis-somma ta' €500

Il-Kont Nru 40020628901 (Young Savers Account) fuq isem il-minuri Alessandro Farrugia[26]

---

[22] Fol 153
[23] Fol 153
[24]
[25] Fol 201
[26] Fol 86

F'dan il-kont saru depożiti tlett darbiet f'somom żgħar ta' €200 fi Frar 2012 u €100 f'Jannar 2013, €100 f'Jannar 2014

Il-Kont Nru 40021422931 (Young Savers Account) fuq isem il-minuri Kristina Attard[27]

F'dan il-kont saru depożiti darbtejn f'somom żgħar ta' €100 f'Jannar 2013, €100 f'Jannar 2014.

Tenut kont tal-fatt li dawn id-depożiti fil-kontijiet imsemmija saru b'mod sporadiku u mhux frekwenti, fuq bażi ta' probabilta' l-Qorti mhijiex konvinta li dawn id-depożiti huma ġejjin mir-rikavat tar-reati kommessi mir-rikorrent.

Għaldaqstant il-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-ordni ta' konfiska fir-rigward ta' dawn it-tlett kontijiet.

**Għal dak li jirrigwarda l-ishma mal-Malta Stock Exchange plc f'isem ir-rikorrent[28]**, kif ingħad, r-rappreżentanta tal-Borża ta' Malta xehdet li dawn inxtraw fl-1993 u nbiegħu kollha fl-1999 biex imbagħad fl-2006 huwa xtara ishma oħra fl-ammontta' 750 fil-Bank imsemmi. Ix-xhud qalet ukoll li minn dakinhar 'l hawn kien hemm żewġ bonus issues, illum il-ġurnata hemm bilanċ ta' 927 sehem [29].
Il-Qorti hija sodisfatta li l-akkwist ta' dawn l-ishma seħħ diversi snin qabel ir-reati in kwistjoni u kwindi ma hemm ebda lok li tinżamm fis-seħħ l-ordni ta'

[27] Fol 85
[28] Fol 87 u fol 139
[29] Fol 114 et seq.

konfiska dwarhom. It-talba tar-rikorrent fir-rigward tal-ishma sejra wkoll tiġi milqugħa.

In fine, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti sejra għalhekk tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tiddikjara li l-Avukat Ġenerali mhuwhiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrent u għalhekk tiliberah mill-osservanza tal-ġudizzju; u tilqa' wkoll is-seba' eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija safejn kompatibbli ma' dak deċiż filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet;**

**2. Tiċħad it-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-ordni ta' konfiska fir-rigward tal-vettura tal-għamla Toyota Yaris mixtrija mir-rikorrent fit-23 ta' Novembru 2013 filwaqt li tilqa' t-talba tiegħu fir-rigward tal-bqija tal-proprjeta' ndikata fir-rikors promotur;**

**3. L-ispejjeż jinqasmu hekk: 4/5 jitħallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija u 1/5 mir-rikorrent.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**